MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1158/2000/1

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta’ Mejju 1990;

Premess illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja di fronte tal-attur ta’ mohqrija, adulterju, minacci, theddid, ingurji gravi, sevizzi u di piu z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b’ mod irrimedjabbli;

Premess illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi bl-istanti kontra l-konvenuta permezz ta' digriet numru 31/2000 tad-29 ta' Frar, 2000;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja kull dikjarazzjoni opportuna:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-imsemmija C B.

2. Tiddikjara li l-imsemmija C B ma hijix intitolata u/jew iddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-attur mhux biss ghax iz-zwieg tkisser tort taghha izda wkoll u/jew ghaliex tipposjedi bizzejjed mezzi finanzjarji u assi li ma jehtigilhiex tintalab tali manteniment minghand l-attur;

3. Tiddikjara li C B iddekadiet mid-drittijiet kollha successorji taghha di fronte ta' l-attur;

4. Tordna li jigu applikati kontra l-istess konvenuta in parte jew fl-intier taghhom l-effetti u komminazzjonijiet kollha previsti mill-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b' opera ta' periti nominandi;

6. Tordna d-divizjoni tal-istess komunjoni ta' l-akkwisti u dan billi taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, sabiex porzjoni tigi assenjata lill-attur u ohra lill-konvenuta u tahtar nutar pubbliku sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun ta' qasma kif spjegat u tahtar ukoll kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att finali.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi mhuwiex minnu li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser minhabba xi tortijiet tal-eccipjenti izda minhabba sevizzi. Eccessi, swat, theddid, mohqrija u ngurji gravi kommessi mill-attur fil-konfront taghha;

Illi b’ konsegwenza tal-fuq espost, it-tieni talba hija nfondata u hija wkoll infondata kwantu bbazata fuq l-allegazzjoni ta’ mezzi sufficjenti tal-eccipjenti;

Illi b’ konsegwenza wkoll tal-ewwel eccezzjoni, anke t-tielet u r-raba’ talba ghandhom jigu michuda;

Illi kwantu ghall-hames u s-sitt talba, l-eccipjenti ma topponix ruhha ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b’ dan li l-konsistenza taghha tigi ndagata sew u l-qasma taghha ssir b’ mod li jittiehed in konsiderazzjoni li l-kawzi li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg;

Illi tenut kont tas-suespost, l-ispejjes ta’ din il-kawza ghandhom jigu akollati interament lill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Avukatessa Dottor Lorraine Schembri Orland, minnha debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-guramnet;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess konvenuta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha taghha l-konvenuta teccepixxi li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-attur fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap. precitat.

**Separazzjoni Personali**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Mejju 1990 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Jirrizulta li maz-zmien ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom iddeterjorat b' mod li l-konvivenza matrimonjali saret impossibbli, u ghalhekk l-attur allontana ruhu mid-dar konjugali u gew istitwiti l-proceduri odjerni fis-6 ta' Gunju 2000.

Illi din il-Qorti ezaminat l-affidavits prezentati mill-partijiet, u hija opportuna l-osservazzjoni li mill-affidavit ta' l-attur ma jirrizultawx ir-rekwiziti sabiex tinghata s-separazzjoni, la fit-termini ta' l-artikolu 40 u wisq anqas fit-termini ta' l-artikolu 38.

Jigi rilevat li, ghalkemm il-konvenut qed jibbaza t-talba tieghu anke fuq adulterju allegatament kommess minn martu, huwa ma gab ebda prova f' dan ir-rigward, u di fatti fl-affidavit tieghu, prezentat fil-21 ta' Ottubru 2002, huwa ma semma xejn in propositu; u huwa biss fl-istadju avvanzat tal-proceduri li permezz ta' affidavit ulterjuri prezentat minnu fis-16 ta' Awissu 2006, ghamel tentattiv fjakk ghall-ahhar biex jipprova jistghad ghal xi element ta' prova f' dan ir-rigward. Dan fih innifsu jikkostitwixxi ngurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta' martu.

Illi mill-banda l-ohra l-konvenuta tati versjoni aktar verosimili minn dik mghotija mill-attur, minn fejn jirrizulta car li l-attur huwa hati ta' komportament abusiv fil-konfront ta' martu matul il-konvivenza matrimonjali; u li jsib l-origini tieghu fil-fatt li l-attur kien kuntrarju ghall-proposta maghmula b' insistenza tal-konvenuta ghall-addozzjoni ta' tarbija, stante li l-koppja ma setghax ikollhom tfal fiz-zwieg; u per di piu' u b' mod aktar qawwi, ir-rifjut lecitu da parti tal-konvenuta ghall-proposta ta' l-attur rigward l-modus operandi mifthemha bejn l-attur u l-familja tieghu rigwardanti l-kura ta' ommhom wara l-mewt ta' missierhom. Jidher li dan kien sors ta' inkwiet serju ghall-

koppja, li b’ reazzjoni ghall-opposizzjoni tal-konvenuta f’ dan ir-rigward, l-attur infexx f’ komportament abusiv fil-konfront ta martu l-konvenuta, konsistenti, f’ minacci u sevizzi u anke episodji ta’ vjolenza fuq l-oggetti ta’ madwaru; u kien beda wkoll jihalli lil martu, li ma kienitx tahdem nieqsa mill-flus.

Il-Qorti hija tal-fehma li kien dan l-atteggjament abusiv da parti ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu li wassal ghat-tkissier taz-zwieg bejn il-partijiet, u li rrenda il-konvivenza matrimonjali bejniethom impossibbli; u ghalhekk il-htija tas-separazzjoni ma tirrisjedix fuq il-konvenuta, izda fuq l-istess attur.

Illi f’ dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm huwa d-dover morali u f’ certu cirkostanzi anke legali ta’ l-ulied li jiehdu hsieb il-genituri taghhom; mill-banda l-ohra, xejn m’ ghandu jintervjeni li idghajjef in-nukleju familjari ta’ koppja u l-konvivenza pacifika ta’ bejniethom. Il-Qorti thoss li r-reazzjoni ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu ma kienitx wahda la matura, la ragjonevoli u lanqas proporzjonata, multo magis meta ddigenerat f’ komportament abusiv da parti tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li, ghalkemm fic-cirkostanzi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, il-htija tas-separazzjoni tirrisjedii fuq l-attur u mhux fuq il-konvenuta.

**Manteniment**

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, gjaladarba ma jirrizultax li l-konvenuta ghandha xi htija ghas-separazzjoni, allura t-talba ta’ l-attur ghad-dekadenza ta’ martu mid-dritt li titlob manteniment minghandu hija legalment u fattwalment insostenibbli, stante li l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 hija necessarjament marbuta mal-htija, anke parzjali, ghas-separazzjoni personali.

Illi fit-tieni lok, jigi osservat li kif jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet, permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Mejju 2000 l-attur kien gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ Lm80 fix-xahar bhala

manteniment ghaliha pendente lite, meta dak iz-zmien ma kienitx taghmel xoghol bi qligh. Irrizulta pero' li fl-1 ta' Settembru 2000 il-konvenuta sabet impieg regolari b' introitu gross ta' Lm309 fix-xahar li jekwivali daqs l-introitu ta' l-attur jekk mhux naqra aktar. Jidher li meta l-attur sar jaf b' dan, huwa nforma lill-Avukat tieghu, u sar ftehim li l-hlas tal-manteniment lill-konvenuta, li kien qed jinqata' direttament mill-paga tieghu, jigi sospiz f' Gunju 2002.

Illi fid-dawl tal-premess l-attur qed isostni li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-konvenuta ghandha tigi ordnata tirrifondi lilu s-somma ta' Lm1,520 manteniment imhallas minnu ndebitament mill-1 ta' Settembru 2000 sa Gunju 2002, stante li, ghalkemm kien ghadu vigenti d-digriet tal-Qorti, il-konvenuta kienet qeda tahdem ad insaputa tieghu, u ghalhekk ma kien ha ebda passi f' dak iz-zmien.

In propositu l-Qorti hija tal-fehma li r-rikjesta ta' l-attur f' dan ir-rigward hija sostenibbli legalment u fattwalment: legalment ghax meta nghata d-digriet il-konvenuta ma kienitx tahdem, u s-Sekond' Awla kienet iffissat ir-rata alimentarja rebus sic stantibus skond l-artikolu 46A tal-Kap.16; u fattwalment, ghax wara li nghata dak id-digriet il-posizzjoni finanzjarja tal-konvenuta nbiddlet radikalment b' mod li din bdiet tippercepixxi introitu li fil-quantum tieghu jinnewtralizza l-obbligu legali ta' l-attur li jkompli jissomminstra manteniment pendete lite lil martu.

Ghaldaqstant din ir-rikjesta ta' l-attur hija gustifikata u ser tigi akkolta.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza shiha ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pargrafi minn numr sitta u sittin [66] san-numru wiehed u sebghin [71] a fols.190 u 191 li qed jigu addottati b' mod li jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici A], salv dak li ser jigi ordnat hawn that:

[1] Illi l-fond nru.23 “L-ghorfa” f’ Palm Street Attard, valutat mill-partijiet[1] fl-ammont ta’ LM110,000, ghandu jinbigh bis-subbasta fi zmien sentejn millum, jekk il-partijiet ma jiftehmux mod iehor, u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet f’ zewg porzjonijiet wgwali u kull parti tinghata porzjon wiehed.

Illi matul dan il-perijodu ta’ sentejn, il-konvenuta, anke stante li m’ ghandhiex htija tas-separazzjoni, qed tinghata d-dritt esklusiv li tibqa’ tabita fl-istess fond; izda il-kontijiet relattivi ghad-dawl u ilma, telefon u cens jkunu a kariku taghha fl-intier taghhom. Wara dan il-perijodu, u cioe’ fit-30 ta’ Ottubru 2009, il-konvenuta hija minn issa u permezz ta’ dan il-gudizzju ordnata sabiex tallontana ruhha mill-imsemmi fond.

[2] Illi l-konvenuta hi ordnata tirrifondi lill-attur is-somma ta’ elf, hames mija u ghoxrin lira maltin [Lm1,520] kif fuq spjegat.

[3] Illi inoltre il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somma komplessiva ta’ Lm237.865, kif indikat fil-paragrafu enumerat [5] a fol.193 tal-process, rapprezentanti fil-parit l-kbira taghha nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma. Jigi osservat in propositu, li, ghalkemm huwa minnu li l-attur ma pprezentax kopja tal-kontijiet relattivi, pero’ jirrizulta li l-ammont mitlub huwa verosimili, ma kienx hemm kontestazzjoni serja f’ dan ir-rigward, u inoltre, l-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali. Ghaldaqstant l-attrici qed tigi ordnata wkoll thallas lill-konvenut din is-somma ta’ mitejn seba u tletin lira maltin u sitta u tmenin centezmi.

Illi rigward il-kumplament, il-Qorti tordna li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ssir skond kif indikata mill-perit legali.

**Assi Parafernali**

Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni

[1] Vide nota kongunta prezedntata 11.04.1996 fol.220

taghha fil-paragrafi minn numru 64 sa 65 u li jinsabu a fols.188 sa 190 tal-process [Appendici A].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta; u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li z-zwieg bejn il-parijiet tkisser ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-istess attur fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-kap.16;

[2] tichad it-tieni talba in kwantu diretta ghad-dekadenza mid-dritt tal-manteniment tal-konvenuta; u fl-istess waqt tafferma id-dritt ta' l-istess konvenuta li tircevi manteniment minghand l-attur bhala l-parti hatja ghas-separazzjoni, kemm-il darba din tieqaf mix-xoghol u ma jkollhiex mezzi finanzjarji adegwati;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tichad ir-raba talba;

[5] tilqa' l-hames u sitt talba, u tordna li b' effett mill-lum tigi xjolta u likwidata l-komujoni ta l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tigi assenjata lill-istess <u>kif dettaljatament fuq indikat u ordnat</u> fis-sezzjonijiet "Kommunjoni ta' l-Akkwisti" u "Assi Parafernali"; u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jircevi l-att opportun fl-edifizju tal-Qorti fiz-zmien tlett xhur millum fil-gurnata u hin fissat mill-istess nutar, u tinnomina lill-Avukatessa Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------